MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1660/2004

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Manuel Schembri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Awissu 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sebgha u disghin liri Maltin u tlieta u tletin  centezmu (Lm297.33) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Cotract Number 8510 in rigward ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Awissu 2003 u Jannar 2004..

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-itra ufficjali tal-25 ta’ Gunju, 2004 dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment mal-Avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u sebgha u disghin liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm297.33), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta’ Gunju 2004 u dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment ma’ l-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------